*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla abbażi tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Awwissu 2016, mogħtija dwar it-talba ppreżentata mill-Crédit Mutuel bil-għan li tinkiseb awtorizzazzjoni li teskludi l-iskoperturi fuq is-settur pubbliku tal-kalkoli tal-proporzjon tal-ingranaġġ, konformement mal-Artikolu 429(14) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għall-Crédit Mutuel u l-entitajiet kollha tal-grupp suġġetti għall-proporzjon tal-ingranaġġġ (ECB/SSM/2016 – 9695000CG7B84NLR5984/92);

— tikkundanna lill-Bank Ċentrali Ewropew għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, huwa bbażat fuq l-eċċess ta' poter li bih id-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata. Skont ir-rikorrenti, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ma għandux is-setgħa li jivverifika, sabiex jiżgura l-applikazzjoni konkreta, mingħajr la jsaħħaħ u lanqas jevalwa r-rilevanza tagħhom, jekk humiex sodisfatti l-kundizzjonijiet mitluba għal stabbiliment li jibbenefika minn deroga għar-regoli ta' kalkolu ta' proporzjon ta' ingranaġġ, kif stabiliti b'mod definittiv u b'mod preċiż mill-Kummissjoni, abbażi ta' kompetenza esklużiva, permezz ta' Regolament Delegat intiż li jieħu inkunsiderazzjoni l-ispeċifiċitajiet tax-xenarju bankarju u finanzjarju tal-Unjoni Ewropea.

2. It-tieni motiv, imressaq b'mod sussidjarju għall-ewwel motiv, huwa bbażat fuq żball ta' dritt imwettaq mill-BĊE fid-deċiżjoni kkontestata. Skont ir-rikorrenti, l-iskoperturi fuq l-entitajiet tas-settur pubbliku, peress li huma mxebbħin mal-iskoperturi fuq l-amministrazzjoni ċentrali, għandhom jiġu kkunsidrati bħala li ma għandhom xejn riskju meta jiġu ddenominati fil-munita nazzjonali tagħha.

3. It-tielet motiv, li huwa mressaq b'mod sussidjarju fil-konfront tal-ewwel żewġ motivi, huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni. Skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata hija manifestament mhux xierqa fir-rigward tal-għanijiet mixtieqa mir-rekwiżiti prudenzjali, fid-dawl tal-karatteristiċi tat-tfaddil, kif ukoll manifestament sproporzjonat fir-rigward tal-konsegwenzi negattivi li hija ħolqot fuq l-istabbiliment ikkonċernat ainsi que manifestement.

4. Ir-raba' motiv, huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, kif ukoll fuq il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, peress li l-BĊE ma eżamina u lanqas ħa inkunsiderazzjoni l-provi kollha rilevanti fil-każ.

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Novembru 2016 – Euro Castor Green vs EUIPO – Netlon France (Kannizzata li tgħatti l-veduta)**

**(Kawża T-756/16)**

(2017/C 006/54)

*Lingwa tar-rikors: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Euro Castor Green (Bagnolet, Franza) (rappreżentant: B. Lafont, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Netlon France (Saint Saulve, Franza)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tad-disinn kontenzjuż:* ir-rikorrenti

*Disinn kontenzjuż ikkonċernat:* disinn Komunitarju 001 197 966-0001

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-11 ta' Awwissu 2016, fil-Każ R 754/2014-3

**Talbiet**

— tikkonstata li r-rikors u l-annessi tiegħu huma ammissibbli;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 6/2002;

— Ksur tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 6/2002;

— Ksur tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002;

— Ksur tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 6/2002;

— Ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 6/2002.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2016 – Société générale vs BĊE**

**(Kawża T-757/16)**

(2017/C 006/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Société générale (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: A. Gosset-Grainville, C. Renner u P. Kupka, avukati)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew Nru ECB/SSM/2016-9695005MSXI0YEMGDF46/195 tal-24 ta' Awwissu 2016;

— tikkundanna, fi kwalunkwe każ, lill-Bank Ċentrali Ewropew għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' kompetenza li bih hija vvizzjata d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), tal-24 ta' Awwissu 2016, li tiċħad it-talba mressqa mir-rikorrenti sabiex tibbenefika mill-esklużjoni tal-iskoperturi għall-Caisse des dépôts et consignations (fond ta' depożiti u kunsinni), li jirriżultaw mill-fondi ċċentralizzati miġbura fil-kuntest tat-tfaddil irregolat, mill-kalkolu tal-proporzjon tal-effett ta' lieva (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), sa fejn il-BĊE ma kellux il-kompetenza sabiex jirrifjuta li jagħti l-esklużjoni mitluba wara li kkonstata li l-kundizzjonijiet stabbiliti mid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni applikabbli kollha kienu ġew osservati.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq diversi żbalji ta' liġi li wettaq il-konvenut. Fil-fatt, ir-rikorrenti tqis li, anki jekk jitqies li l-BĊE kellu l-kompetenza sabiex jadotta d-deċiżjoni kkontestata, l-imsemmija deċiżjoni ma hijiex valida għaliex hija vvizzjata b'diversi żbalji ta' liġi, kemm fid-dawl tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1; iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 575/2013"), kif ukoll fid-dawl tal-intenzjonijiet tal-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea, minħabba li l-BĊE interpreta b'mod żbaljat il-leġiżlazzjoni inkwistjoni, u b'hekk ħa deċiżjoni li:

   — tmur kontra l-għanijiet u l-iskop tar-regoli dwar il-proporzjon tal-effett ta' lieva, billi tonqos milli tieħu inkunsiderazzjoni mhux biss l-għan tal-leġiżlazzjoni dwar il-proporzjon tal-effett ta' lieva bħala tali, iżda wkoll l-intenzjoni tal-leġiżlatur immanifestata bl-adozzjoni tal-paragrafu 14 tal-Artikolu 429 tar-Regolament Nru 575/2013;